# LILL-KEWKBA ŻAHRIJA

*Ta'* VAL. V. BARBARA

Kewkba żahrija li kif tgħib ix-xemx
Tiddi fil-għoli, isbaħ minnek m'hemmx.

Kewkba ħanina, int minn dak ix-xagħri
Ta' kwiekeb żoroq tiddi lill-baħħari,

U ta' dijitek bit-twaqqit fl-imkejjen
Twasslu sa l-ibgħad artijiet u rkejjen.

Tara lil din il-Gżira u fl-istess linja
Ta' ħarstek tara l-belt illi fid-dinja

Firxet fuq l-ilmijiet l-itwal mogħdija
U nsatret b'libsa tgħammex bis-sbuħija.

Minn għib ix-xemx sa sbiħha għajnek timraħ,
Fuq serħ u sliem il-bniedem dawlek jibraħ.

Kewkba ta' qalbi, lilek waħdek ngħid
Li għandi biċċa minni qiegħda 'l bgħid;

Wassaltha int sal-belt ta' l-itwal pont!
Eħrex għalija, kewkba, qatt ma kont!

Tbiegħed vapur ftit ilu mix-xtut tagħna,
U fuqu kien hemm xbejba li setgħana

Kienet il-ħarsa tagħha ġo għajnejja
Xħin kienet bi ħlewwietha tħares lejja:

Setgħana biex tnessini d-diqa u n-niket;
Il-lum mingħajrha nħoss li kollox siket

Madwari: ħajja, u ferħ, u poeżija
Mexjin qajl qajl lejn il-ġrajjiet minsija.

Kellha d-dawl tiegħek safi ġo għajnejha,
Kellha sbuħitek satra ta' ħaddejha.



Le, le, ja kewkba, la tħoss l-ebda għira,
Agħder lil kelmti: dik hi oħti ż-żgħira!

Qiegħda taraha? qiegħda taraha? Dal-ħin
L-ewwel raġġi tax-xemx ħdejha deħlin;

Ftit ieħor dawlek ma jwassalx sa ħdejha,
Oh, kewkba, agħti l-aħħar ħarsa lejha;

Wasslilha xewqti, għidilha li ħuha,
Missierha u ommha għadhom jixtiquha.

Jixtiequ jerġgħu jħossu l-bewsa tagħha
Issaħħan fommhom, u jitħaddnu magħha;

Biss ħarsa waħda, imbagħ'd imutu, imsejkna,
Jixtiequ jserrħu fuq uliedha ċ-ċkejkna.

Aħfirli, kewkba, jekk ninqeda bik,
Ħallini nwassal ħarsti ġewwa fik;

U int raxxaxha fuqha, hekk, bil-ħlewwa,
Qegħ'dhielha ħdejha, ħdejn riġlejha sewwa.

Int, ja ħanina, qed tisimgħu talbi?
Sejra twassalhom ix-xewqat ta' qalbi?

Kewkba żahrija, għandek qalb ta' dbiba,
L-anqas tagħtini bit-tpetpit tweġiba!

18. 11. 50.

## AVVIŻ LILL-IMSEĦBIN

**Il-prezz tal-karta u ta' l-istampa ma nifilhux illaħħqu magħhom aktar; barra minn hekk, imħabba li r-Rivista tagħna żdiedet fil-għadd tal-faċċati, l-ispejjeż tal-posta saru d-doppju. Billi ma nixtiqux innaqqsu mill-materjal ta' "Il-Malti", kontra qalbna jkollna nħabbru li mis-sena d-dieħla t-tisħib sa jkun 4s. fis-sena. Għalhekk, min ma jibgħatx igħarrafna biex inwaqqfulu r-rivista nqisuh li aċċetta dana l-għoli.**